# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**3/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li giet imsejha ghal nhar il-Hamis 2 ta' Gunju, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skużati:**

Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**Agenda: Risposta tal-Kunsill ghall-ittra ta' l-Awditur datata 28 ta' April, 2011 dwar l-awditjar tal-Financial Statements ghas sena li ghalqet fil 31 ta Dicembru, 2010.**

**Bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fil-5.35pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti.

Mal-ftuh tal-laqgha s-Sindku osserva li din l-istess laqgha kienet diga msejha darbtejn qabel izda ma saritx minhabba nuqqas ta quorum.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jitghallem mill-izbalji tal-passat sabiex dawn ma jigux repetuti la fil-prezent lanqas ghall-futur.

Saret diskusjoni dwar diversi punti msemmija fl-ittra ta l-awditur u r-risposta proposta tal-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana qal li fil-fehma tieghu kien hemm affarijiet ohra li ma gewx indirizzati fl-ittra ta l-awditur u ghalhekk kien qed jaghmel proposta sabiex ir-risposta proposta (draft reply) ma tigix accettata mill-Kunsill.

Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Edwin Formosa..

Il-proposta ghaddiet ghal vot.

Dawk favur: Sur Stephen Sultana
Sur Edwin Formosa

Dawk kontra: Sur Horace J. Anastasi
Sur Ronald Briffa
Sur Carmel Camilleri

Il-proposta sabiex id-draft reply ma tigiex accettata ma ghaditx.

Is-Sindku qal li l-Kunsillieri kollha kellhom cans jaraw l-ittra ta' l-Awditur kif ukoll id-draft reply tal-Kunsill u ghalhekk ma kienx hemm oggezjoni dwar ir-risposta tal-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana qal li ma kienx gie infurmat li kellu d-dokumenti fil-folder tal-korrispondenza li ghandu fil-Kunsill u ghalhekk ma kellux zmien bizzejjed sabiex jara dawn id-dokumenti.

Is-Sindku qal li kull Kunsillier huwa responsabbli li jigbor kull ktiba li jkollu fil-folder tieghu. Qal ukoll illi fl-ahhar seduta kull min kien prezenti kellu kopja tal-ktiba ndikata. Minbarra hekk ma kien hemm l-ebda raguni kontra l-kontenut tar-risposta kif proposta mill-Kunsill. F'dan l-istadju s-Sindku qal li huwa kien qed jipproponi sabiex din ir-risposta tal-Kunsill tigi accettata kif prezentata mill Kunsill u li l-istess ittra tigi ffirmata mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

Din il-proposta tas-Sindku giet sekondata mill Vici Sindku Sur Ronald Briffa.

Din il-proposta ghaddiet ghal-vot.

Dawk favur: Sur Horace J. Anastasi
Sur Ronald Briffa
Sur Carmel Camilleri

Dawk kontra: Sur Stephen Sultana
Sur Edwin Formosa

Il-proposta ghaddiet u ghalhekk il-Kunsill qabel li jaccetta d-draft reply ghall-ittra tal-management letter tal-awditur u li wara tigi ffirmata mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv din l-ittra tinbghat lill-ufficju tal-Awditur tal-Kunsill (Grant Thorton), lill-Awditur Generali (NAO) u lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Peress li l-materja li ghaliha giet imsejha l-laqgha b'urgenza giet ezawrita, s-Sindku ddikjara l-laqgha maghluqa fis-6.17p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |